# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Jannar 2021

**Rikors Numru : 80/2020 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**MS**

**vs**

**MM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MS, datat 24 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu nhar il-hdax ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (11.03.2006);*

2. *ILLI miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewgt itfal, it-tnejn minuri u cioe A li twieldet nhar X u D li twieled nhar Y;*

3. *ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. James Grech hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok 1;*

4. *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal zmien twil u cioe' minn nhar il-21 ta' Lulju 2012 u dan meta M telaq mid-dar parafernali tal-mara u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju;*

5. *ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante dekadenza/rinunzja minn naha tal-partijiet b'mod reciproku;*

7. *Illi l-manteniment favur il-minuri u l-access ghall-istess minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-separazzjoni u l-minuri qed jircievu manteniment adegwat, fil-hin u skont dak pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni u ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardjaw l-aspetti kollha tal-hajja tal-minuri ser jibqaw l-istess skont il-ftehim raggunt;*

8. *Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jossodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

*Tiddikjara li z-zwieg taghhom celebrat nhar il-hdax ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (11.03.2006) huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minnn din Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun hekk reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Ammissjoni tal-intimat MM datata 11 ta' Mejju 2020 li taqra hekk (Vide Fol 15).

> *Li permezz taghha u bil-gurament tieghi jiddikjara illi qed jirregistra n-nuqqas ta' oppozizzjoni tieghu ghall-hall taz-zwieg celebrat minnu u r-rikorrenti MS u dan stante illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom u dan anke in vista tal-fatt illi huma ilhom separati legalment sa mis-sena elfejn u tnax (2012) u minn dak iz-zmien baqghu jghixu hajjiet totalment separati;*
>
> *Illi filfatt jigi precizat illi jinkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, ghall-hall taz-zwieg taghhom u l-pronunzjament tad-divorzju.*

Rat in-nota tal-attrici tal-14 ta' Jannar 2021 bic-certifikat taz-zwieg anness.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi MS xehdet (vide affidavit fol 18) illi hija iżżewġet lil MM nhar il-11 ta' Marzu 2006. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, it-tnejn minorenni. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-20 ta'April 2018, pero ilhom separati de facto sa' minn Lulju tal-2012 meta l-intimat telaq mid-dar matrimonjali. Illi ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm pendenzi ta' manteniment għaliex il-manteniment lill-ulied jitħallas b'mod regolari.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Marzu 2006 (Vide certifikat taz-zwieg Nru 157/2006 a fol 23 u 24) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, it-tnejn minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech, datat 20 t'April 2018 (vide fol 3 et seqq.) pero ilhom jghixu separati de facto minn nhar il-21 ta' Lulju 2012 u ghalhekk jirrizulta illi ilhom separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ippruvat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg bic-Certifikat Nru 157/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien stipulat mill-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**